**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03

**07 ta' Awwissu, 2019**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Viċi Sindku**
**Ronnie Portelli – Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 3.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**3.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier L Cachia Castelletti li ma setatx tattendi l-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux isir nuqqas fl-*allowance*.**

## 3.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

**3.2.1 <u>Trid issir korrezzjoni tal-minuti kif ġejjien:</u>**

**<u>Laqgħa 02</u>**

**2.8.1 – Il-Kunsillier Ronnie Portelli rrid jżied li huwa ma rridx li din il-pożżizzjoni joħodha s-Sur Michael Calleja.**

**2.8.2 – L-aħħar sentenza trid tiġi miktuba kif ġej, " Is-Segretarju Eżekuttiv ordnat biex jittieħed vot u ġew is-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti favur u l-Kunsilliera Eugenio Muscat u Ronnie Portelli kontra. Il-Mozzjoni għaddiet.**

## 3.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

**3.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista' ta' pagamenti, dokumenti li kienu iċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Eugenio Muscat ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Oriana Calleja issekondat.**

**Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.**

## 3.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**3.4.1 Sindku qal li kulħadd beda jsaqsieh għal Sqallija u għalhekk beda jiċċekja meta l-aħjar li jagħmluha bl-aħjar prezz. Huwa qal li l-aħjar data hija fit-8 ta' Settembru u tajba għax ma taħbatx mal-attivita' Connecting Through Culture. Il-ġita tiswa €165 inkluż kollox fejn se jżuru Catania, agrituriżmo lejn l-etna, Gole di Alcantara u shopping center. Pero hemm problema għax diġa hemm iktar minn għoxrien ruħ li huma interessati u qed jibża li se nispiċċaw b'ħafna *bookings*.**

**Il-kunsill qabel li noħorġu l-poster għal din il-ġita.**

**3.4.2** **Sindku qal li jixtieq nagħmlu data għal ġurnata Għawdex, huwa propona jew ssir fi 30 ta' Awwissu jew fil-5 ta' Settembru.**

**Il-kunsill qabel.**

## 3.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**3.5.1** **Il-Viċi Sindku Oriana Calleja qalet li ċċekjajna hekk il-liġi tkoprikx biex is-Sur Michael Calleja jistax jkompli x-xogħol ta' "Environmental officer" u sibna li biex nibqu mal-liġi dan jista jaħdem sa Awwissu ta' 2020.**

**Il-Kunsillier Eugenio Muscat insissta li xorta waħda għandna noħorġu "Call for Quotations" minħabba li xorta huwa mpjieg. Il-Kunsillier Ronnie Portelli qabel miegħu.**

**3.5.2** **Il-Kunsillier Ronnie Portelli saqsa għal-kwotazzjonijiet ta' meta konna għamilna il-poġġaman tat-taraġ Ta' Xbiex li jgħati għax-xatt**

**Is-Sindku irrispondieh li meta jkun irrid jista jsaqsi għal-kwotazzjonijiet jew lis-Sinjorina Yasmine Tonna jew lis-Sinjura Anna Micallef.**

**3.5.4** **Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa hekk quddiem il-Blk B5 nistgħux nirranġaw il-biċċa ta' quddiemu u nagħmlu rampa.**

**Il-kunsill qabel imma fthemu li dawn ix-xogħlijiet issiru wara li jitlestew ix-xogħlijiet kollha min naħa tal-*Housing Authority*.**

**3.5.5** **Il-Kunsillier Eugenio Muscat flimkien mas-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera irrikonnoxew l-avvanz li sar fl-aħħar sena mit-team tal-futbol u wiegħed is-sapport bħas-snin preċedenti lill-istess klabb li qiegħed jippromwovi l-isport taħt isem il-lokalita' ta' Ta' Xbiex.**

## 3.6 Vakanza ta' Skrivan Full Time;

**3.6.1** **Is-Sindku qal li għal vakanza ta' Skrivan *full time* fuq skala 15 kien hemm applikazzjoni waħda li kienet tas-Sur Aris John Fenech u b'hekk kien hemm *interview* wieħed. Huwa qal li l-bord kien kuntent li jagħżlu lis-Sur Aris John Fenech minħabba li dan diġa jaf x-xogħol u kif ikun full-time jemmnu li jkollu *performance* ħafna aħjar. Is-Sindku qal li huwa spjega lis-Sur Aris John Fenech li se jibda *full time* mil-1 ta' Settembru 2019 u se jkollu *probation* ta' 6 xhur.**

## 3.7 *Ideat għall-proġetti futuri;*

**3.7.1** **Il-Kunsillier Eugenio Muscat jixtieq ibiddel il- bankini ta' Triq Prinċipessa Elisabetta.**

**3.7.2** **Is-Sindku semma li jixtieq jagħmel il-proġett tal-ismart parking, spjega li kien hemm supplier li għamel studju fuq il-parking area tal-yacht marina.**

**Il-Kunsill qabel.**

**3.7.3** **Idea oħra li għandu s-sindku semma ukoll biex nixtru smart bins matul ix-xatt ta' Xbiex.**

**Il-Kunsillier Eugenio Muscat ssuġġerixxi ukoll li nagħmlu *separate bins* fi triq ix-xatt./**

## 3.8 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

**3.8.1 Ma kienx hemm**

## 3.9 *Rapporti mill-Kunsilliera;*

**3.9.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li Triq il-Ħalġ fejn qed nagħmlu l-*Embellishment* mhux qed ikun hemm ħaddiema biżżejjed biex jagħġlu il-proċess u qal li qed jieħdu wisq żmien biex ilestuh.**

**Il-Kunsillier qal ukoll li fl-opinjoni tiegħu kif konna għaddejien b'dawn ix-xogħlijiet misna rranġajna l-ġibjun.**

**Is-Sindku qallu li jaqbel miegħu imma ried jitkellem qabel ma kienu pjanaw kif ġej l-*embelisshment* ta' dik l-*area*.**

## 3.10 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tnejn 9 ta' Settembru, 2019 fil-ħamsa ta' filgħaxija.

**3.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.**

**Konfermati llum it-Tnejn 9 ta' Settembru 2019.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Eż ekuttiv** |